**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 11 ta' Frar, 2020

Rikors Numru: 466/19 AL

**AB**

**VS**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrent li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa nhar is-26 t' April 2014 (Dok JB1), minn liema żwieġ ma kellhomx tfal;
2. Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet tfarrket wara ftit li żżewġu, u ilu iktar minn erba' snin illi r-relazzjoni personali ta' bejniethom spiċċaw u sseparaw de facto; u s-separazzjoni legali ta'

bejniethom ġiet konkluża permezz tal-kuntratt datat 13 ta' marzu 2017 anness bħala Dok JB 2; rikonċiljazzjoni qatt ma seħħet;

3. Illi il-partijiet ilhom separati de facto iktar minn erba' snin, u rrinunzjaw reċiprokament għal kull dritt għal manteniment, u għalhekk jissussistu r-rekwiżiti kollha fil-liġi sabiex tingħata sentenza ta' divorzju;

Talab lill-intimata għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijeit permezz ta' divorzju, u li jiġi nnotifikat b'dan id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku skond il-liġi.

Rat id-dokumenti  li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Ottubru, 2020;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla twiegeb li m'ghandha ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba` (4) snin u legalment separati mit-13 ta' Marzu, 2017;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.